A.L. 61 ta' l-1993

ATT TA' L-1991 DWAR L-AWTORITÀ MARITTIMA TA' MALTA (ATT NRU. XVII TA' L-1991)

Regolamenti ta' l-1993 li jemendaw ir-Regolamenti dwar ir-Rati tal-Port

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 52 ta' l-Att ta' l-1991 dwar l-Awtorità Marittima ta' Malta, il-Ministru għat-Trasport u Komunikazzjoni, bi ftehim mal-Ministru tal-Finanzi, għamel ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1993 li jemendaw ir-Regolamenti dwar ir-Rati tal-Port u għandhom jinqraw u jiftehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1969 dwar ir-Rati tal-Port, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jitqiesu li bdew iseħħu fl-1 ta' Jannar, 1993, b'dan illi d-dispożizzjonijiet tar-regolamenti prinċipali li kienu jkunu japplikaw għall-imbark jew l-iżbark ta' tagħbija fuq jew minn xi vapur qabel ma dawn ir-regolamenti ġew fis-seħħ, għandhom ikomplu japplikaw għal tagħbija li l-imbark jew l-iżbark tagħha jkun beda qabel id-data tal-bidu fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti.

Jissostitwixxi ċertu kliem fir-regolamenti prinċipali.

2. (1) Minflok il-kliem "Direttur tal-Portijiet" u "Suprintendent" kull fejn jinsabu f'dawn ir-regolamenti, għandha tidħol il-kelma "Awtorità".

(2) Minflok il-kliem "Ordinanza ta' l-1962 dwar il-Portijiet" kull fejn jinsabu f'dawn ir-regolamenti, għandhom jidħlu l-kliem "Att ta' l-1991 dwar l-Awtorità Marittima ta' Malta".

(3) Minflok il-kliem "Regolamenti ta' l-1966 dwar il-Ħaddiema tal-Port" u "Ordni ta' l-1966 dwar Deċiżjonijiet relattivi għax-Xogħol tal-Port" kull fejn jinsabu f'dawn ir-regolamenti, għandhom jidħlu l-kliem "Regolamenti ta' l-1993 dwar il-Ħaddiema tal-Port".

(4) Minflok il-kliem "Crucifix Quay" kull fejn jinsabu f'dawn ir-regolamenti, għandhom jidħlu l-kliem "Moll ta' Pinto".

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

3. Ir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:—

(a) minnufih qabel it-tifsira ta' "karrozza akkompanjata" għandha tidħol din it-tifsira ġdida li ġejja:

"(b) "Awtorità" tfisser l-Awtorità Marittima ta' Malta imwaqqfa bl-Att ta' l-1991 dwar l-Awtorità Marittima ta' Malta;" u

(b) il-paragrafi (b), (ċ), (d) u (e) tiegħu għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala paragrafi (ċ), (d), (e) u (f) rispettivament.

Jissostitwixxi r-regolamenti 3 u 3A tar-regolamenti prinċipali.

4. Minflok ir-regolamenti 3 u 3A tar-regolamenti prinċipali, għandu jidħol dan li ġej:

"Servizzi provduti mill-Awtorità jew kuntrattur.

3. Għas-servizzi provduti mill-Awtorità jew mill-kuntrattur tagħha, skond il-każ, u speċifikati fl-Ewwel, fit-Tieni, fit-Tielet, fir-Raba', fil-Ħames u fis-Seba' Skeda li jinsabu ma' dawn ir-regolamenti, għandhom jitħallsu r-rati xierqa murija fl-imsemmija Skedi u l-provvediment ta' dawk is-servizzi jkun suġġett għal kull kondizzjoni li hemm f'dawk l-Iskedi:

Iżda minkejja d-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti, l-Awtorità tista' tagħmel kull ftehim speċjali dwar kull ħaġa li tinsab imsemmija f'dawn ir-regolamenti minflok kull rata li tinġabar taħt dawn ir-regolamenti.".

Jissostitwixxi r-regolamenti 4 u 4A tar-regolamenti prinċipali.

5. Minflok ir-regolamenti 4 u 4A tar-regolamenti prinċipali, għandu jidħol dan li ġej:

"Metodi kif jiġu kalkolati r-rati.

4. (1) Ir-rati li jitħallsu skond dawn ir-regolamenti relattivament għall-oġġetti speċifikati fil-Kolonna 1 tat-Tabella li hemm fis-Sitt Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti għandhom jiġu kalkolati kif speċifikat fil-Kolonna 2 ta' dik l-Iskeda.

(2) Ir-rati li għandhom jitħallsu skond dawn ir-regolamenti dwar "tagħbija f'unità waħda" jew "merkanzija miġbura f'unità waħda" għandhom jiġu kalkolati kif speċifikat fis-Seba' Skeda.".

Jissostitwixxi t-Tabella fit-Taqsima I ta' l-Ewwel Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

6. Minflok it-Tabella fit-Taqsima I ta' l-Ewwel Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandha tidħol din it-Tabella li ġejja:

"TABELLA

Kolonna 1	Kolonna 2 Lm c m	Kolonna 3 Lm c m
(a) Soder, kubrit, u faħam fi xkejjer kull tunellata	1.39,0	1.29,0
(b) Basal, ħarrub, ħafur, smida, żerriegħa tal-qoton, ikel ippressat, xgħir, nuħħala, faħam tal-kokk u *malt*, fi xkejjer u patata fi xkejjer, ċestini, kaxex jew pakkjar ieħor simili, kull tunnellata	1.53,0	1.38.0
(c) Travi tal-ħadid, travi ta' l-injam, puntali, linji, vireg tal-metall, inklużi angli tal-ħadid u folji, ingotti, imbid, fi btieti, katusi tal-fuħħar u fittings, kull tunnellata	1.85,0	1.72.0
(d) Merkanzija tal-friża, kull tunnellata	1.38,0	1.27.0
(e) Skart tal-materjal (li ma jkunx aluminju) — sfuż, kull tunnellata	1.64,0	1.47.0
(f) Skart ta' l-aluminju — sfuż, kull tunnellata	2.37,0	2.20.0
(g) Petrol tal muturi u ta' l-avjazzjoni f'laned jew f'tankijiet u esplużivi inklużi munizzjon u pirotekniċi, kull tunnellata	1.32,0	1.16.0
(h) Siġġijiet, sfużi jew f'kollijiet, kull wieħed; *willows*, qasab u oġġetti simili f'kollijiet, kull koll; tankijiet vojta li jesgħu 40 gallun jew fuqhom, kull wieħed	0.05.0	0.04.0
(i) Btieti vojta ta' l-imbid u tal-birra, kull waħda	0.24,0	0.22.0
(j) Karozzi akkompanjati (ħlief karozzi misjuqa għal fuq vapur tal-karozzi jew minn fuqu) kull waħda	2.26,0	2.26.0
(k) *Coaches* tat-turisti (ħlief *coaches* tat-turisti misjuqa għal fuq vapur tal-karozzi jew minn fuqu kull waħda	2.50,0	2.50.0
(l) Siment, fi xkejjer, kull tunnellata	1.29,0	1.19.0

Kolonna 1	Kolonna 2 Lm c m	Kolonna 3 Lm c m
(m) Dqiq, qamħ u zokkor, fi xkejjer, kull tunnellata	1.27,0	1.11.0
(n) Kull merkanzija oħra (barra minn merkanzija sfuża), kull tunnellata	1.70,0	1.54.0
(o) Merkanzija sfuża mhux maniġġata fis-Silo tal-Gvern:		
(i) Qamħ, kull tunnellata	1.04,0	0.93.0
(ii) Ħarrub, ħafur, żerriegħa tal-qoton u xgħir, kull tunnellata	1.40,0	1.31.0
(iii) Qmuħ oħra, kull tunnellata	1.05,0	0.96.0
(iv) Deffun u tlaqqix ta' l-irħam, kull tunnellata	1.33,0	1.23.0
(v) Merkanzija oħra sfuża, kull tunnellata	1.08,0	0.99.0
(vi) Tqegħid fi xkejjer u rbit, kull tunnellata	0.12,0	0.12.0
(vii) Tmigħ bid-delu:		
(a) Qmuħ (li ma jkunx qamħ), kull tunnellata	0.73,0	0.67.0
(b) Qamħ, kull tunnellata	0.62,0	0.56.0".

Jissostitwixxi t-Tabella fit-Taqsima II ta' l-Ewwel Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

7. Minflok it-Tabella fit-Taqsima II ta' l-Ewwel Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandha tidħol din it-Tabella li ġejja:

"TABELLA

Kolonna 1	Kolonna 2 Lm c m	Kolonna 3 Lm c m	Kolonna 4 Lm c m	Kolonna 5 Lm c m
(a) Soder, kubrit u faħam fi xkejjer, kull tunnellata	1.39,0	1.29,0	1.10,0	1.02,0
(b) Basal, ħarrub, ħafur, smida, żerriegħa tal-qoton, ikel ippressat, xgħir, nuħħala, faħam tal-kokk u *malt*, fi xkejjer u patata fi xkejjer, ċestini, kaxex jew pakkjar ieħor simili, kull tunnellata	1.53,0	1.38.0	1.24,0	1.11.0
(ċ) Travi tal-ħadid, travi ta' l-injam, puntali, linji, vireg tal-metall, inklużi angli tal-ħadid u folji, ingotti, imbid fi btieti, katusi tal-fuħħar u *fittings*, kull tunnellata	1.85,0	1.72.0	1.19,0	1.08,0
(d) Merkanzija tal-friża, kull tunnellata	1.38,0	1.27.0	1.10,0	1.01,0
(e) Skart tal-metall (li ma jkunx aluminju) sfuż, kull tunnellata	1.64,0	1.47.0	1.34,0	1.20,0
(f) Skart ta' l-aluminju — sfuż, kull tunnellata	2.37,0	2.20.0	2.05,0	1.91,0
(ġ) Petrol tal-muturi u ta' l-avjazzjoni f'laned jew f'tankijiet u esplużivi inklużi munizzjon u pirotekiniċi, kull tunnellata	1.32,0	1.16.0	1.02,0	0.90,0
(ħ) Siġġijiet, sfużi jew f'kollijiet, kull wieħed; *willows*, qasab u oġġetti simili f'kollijiet, kull koll; tankijiet vojta li jesgħu 40 gallun jew fuqhom, kull wieħed	0.05,0	0.04.0	0.04,0	0.03,0
(i) Btieti vojta ta' l-imbid u tal-birra, kull waħda	0.24,0	0.22.0	0.23,0	0.20,0
(j) Karrozzi akkompanjati (ħlief karrozzi misjuqa għal fuq vapur tal-karozzi jew minn fuqu) kull waħda	2.26,0	2.26.0	2.26,0	2.26,0
(k) *Coaches* tat-turisti (ħlief *coaches* tat-turisti misjuqa għal fuq vapur tal-karrozzi jew minn fuqu kull waħda	2.50,0	2.50.0	2.50,0	2.50,0

Kolonna 1	Kolonna 2 Lm c m	Kolonna 3 Lm c m	Kolonna 4 Lm c m	Kolonna 5 Lm c m
(l) Siment, fi xkejjer, kull tunnellata	1.29,0	1.19.0	1.05,0	0.97,0
(m) Dqiq, qamħ u zokkor, fi xkejjer, kull tunnellata	1.27,0	1.11.0	0.99,0	0.86,0
(n) Kull merkanzija oħra (barra minn merkanzija sfuża) kull tunnellata	1.70,0	1.54.0	1.05,0	0.92,0
(o) Merkanzija sfuża mhux maniġġata fis-Silo tal-Gvern:				
(i) Qamħ, kull tunnellata	1.04,0	0.93.0	—	—
(ii) Ħarrub, ħafur, żerriegħa tal-qoton u xgħir, kull tunnellata	1.40,0	1.31.0	—	—
(iii) Qmuħ oħra, kull tunnellata	1.05,0	0.96.0	—	—
(iv) Deffun u tlaqqix ta' l-irħam, kull tunnellata	1.33,0	1.23.0	—	—
(v) Merkanzija oħra sfuża, kull tunnellata	1.08,0	0.99.0	—	—
(vi) Tqegħid fi xkejjer u rbit, kull tunnellata	0.12,0	0.12.0	—	—
(vii) Tmigħ bid-delu:				
(a) Qmugħ (li ma jkunx qamħ), kull tunnellata	0.73,0	0.67.0	0.53,0	0.49,0
(b) Qamħ, kull tunnellata	0.62,0	0.56.0	0.43,0	0.39,0".

Jissostitwixxi t-Tabella fil-paragrafu 1 tat-Tielet Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

8. Minflok it-Tabella li hemm fil-paragrafu 1 tat-Tielet Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali, għandha tidħol din li ġejja:

"TABELLA

Kolonna 1	Kolonna 2	Kolonna 3
Oġġetti	Merkanzija żbarkata, stivata u mbarkata mill-ġdid	Merkanzija direttament trasbordata permezz ta' braken u mhux żbarkata) inkluż il-ħlas ta' braken għal tliet ijiem u rmonkar)*
	Lm	Lm
(a) Siment, soder, kubrit u faħam, fi xkejjer, kull tunnellata	1.83,0	0.71,0
(b) Basal, ħarrub, ħafur, smida, żerriegħa tal-qoton, ikel ippressat, xgħir, nuħħala, faħam tal-kokk u *malta*, fi xkejjer, kaxex jew pakkjar simili, kull tunnellata	2.11,0	0.76,0
(ċ) Travi tal-ħadid, travi ta' l-injam, puntali, linji, vireg tal-metall, inklużi angli tal-ħadid u folji, ingotti, imbid fi btieti, katusi tal-fuħħar u *fittings*, kull tunnellata	2.21,0	1.03,0
(d) Merkanzija tal-friża, kull tunnellata	1.79,0	0.75,0
(e) Skart tal-metall (li ma jkunx aluminju) — sfuż, kull tunnellata	2.34,0	0.93,0
(f) Skart ta' l-aluminju — sfuż, kull tunnellata ..	3,81,0	1.38,0
(g) Petrol tal-muturi u ta' l-avjazzjoni f'laned jew f'tankijiet u esplożivi inklużi munizzjon u pirotekniċi, kull tunnellata	1.70,0	0.70,0
(ħ) Siġġijiet, sfużi jew f'kollijiet, kull wieħed; *willows*, qasab u oġġetti simili f'kollijiet, kull koll, tankijiet vojta li jesgħu 40 gallun jew fuqhom, kull wieħed	0.08,0	0.03,0
(i) Btieti vojta ta' l-imbid u tal-birra, kull waħda	0.43,0	0.18,0
(j) Karozzi akkompanjati (ħlief karrozzi misjuqa għal fuq vapur tal-karrozzi jew minn fuqu), kull waħda	—	—
(k) Kull merkanzija oħra (li ma tkunx merkanzija sfuża), kull tunnellata	1.92,0	0.96,0
(l) Dqiq, qamħ u zokkor, fi xkejjer, kull tunellata	1.59,0	0.63,0
(m) Merkanzija sfuża mhux maniġġata fis-Silo tal-Gvern:		
(i) Qamħ, kull tunnellata	1.50,0	0.45,0

* Meta jiġu wżati braken għal iżjed minn tliet ijiem, għandu jitħallas dritt addizzjonali ta' 6c0 kull tunnellata ta' kapaċità *deadweight* ta' barkun għal kull ġurnata jew parti minn ġurnata.

Kolonna 1	Kolonna 2	Kolonna 3
Oġġetti	Merkanzija żbarkata, stivata u mbarkata mill-ġdid	Merkanzija direttament trasbordata permezz ta' braken u mhux żbarkata) inkluż il-ħlas ta' braken għal tliet ijiem u rmonkar)*
	Lm	Lm
(ii) Ħarrub. ħafur, żerriegħa tal-qoton u xgħir, kull tunnellata	2.25,0	0.54,0
(iii) Qmuħ oħra, kull tunnellata	1.55,0	0.43,0
(iv) Deffun u tlaqqix ta' l-irħam, kull tunnellata	2.00,0	0.50,0
(v) Merkanzija oħra sfuża, kull tunnellata	1.60,0	0.44,0
(vi) Tqegħid fi xkejjer u rbit, kull tunnellata	0.12,0	—
(vii) Tmigħ bid-delu:		
(a) Qmuħ (li ma jkunx qamħ), kull tunnellata	0.91,0	0.73,0
(b) Qamħ, kull tunnellata	0.69,0	0.51,0".

Jemenda l-Ħames Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

9. Il-Ħames Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) minflok it-Tabella li hemm fit-Taqsima I ta' l-Iskeda għandha tidħol din it-Tabella li ġejja:

"TABELLA

Kolonna 1	Kolonna 2	Kolonna 3	Kolonna 4
Oġġetti	Minn stiva għal stiva billi jgħaddu minn fuq il-moll mingħajr stivar fuq moll	Minn stiva għal stiva żbarkata u stivata fuq moll bħala parti mix-xogħol	Minn stiva għal stiva bi braken u mhux żbarkati*
	Lm	Lm	
(a) Siment, soder, kubrit u faħam, fi xkejjer, kull tunnellata	1.06,0	1.83,0	0.71,0
(b) Basal, ħarrub, ħafur, smida, żerriegħa tal-qoton, ikel ippressat, xgħir nuħħala, faħam tal-kokk u *malt*, fi xkejjer u patata fi xkejjer, kaxex jew pakkjar simili, kull tunnellata	1.23,0	2.11,0	0.76,0

* Meta jiġu wżati braken għal iżjed minn tliet ijiem, għandu jitħallas dritt addizzjonali ta' 6c0 kull tunnellata ta' kapaċità *deadweight* ta' barkun għal kull ġurnata jew parti minn ġurnata.

Kolonna 1	Kolonna 2	Kolonna 3	Kolonna 4
Oġġetti	Minn stiva għal stiva billi jgħaddu minn fuq il-moll mingħajr stivar fuq moll	Minn stiva ghal stiva żbarkata u stivata fuq moll bħala parti mix-xogħol	Minn stiva għal stiva bi braken u mhux żbarkati*
	Lm	Lm	
(ċ) Travi tal-ħadid, travi ta' l-injam, puntali, linji, vireg tal-metall, inklużi angli tal-ħadid u folji, ingotti, imbid fi btieti, katusi tal-fuħħar, kull tunnellata	1.23,0	2.03,0	0.84,0
(d) Merkanzija tal-friża, kull tunnellata	1.06,0	1.79,0	0.75,0
(e) Skart tal-metall (li ma jkunx aluminju) — sfuż, kull tunnellata	1.42,0	2.34,0	0.93,0
(f) Skart ta' l-aluminju — sfuż, kull tunnellata	2.38,0	3,81,0	1.38,0
(ġ) Petrol tal-muturi u ta' l-avjazzjoni f'laned jew f'tankijiet u esplożivi inklużi munizzjon u pirotekniċi, kull tunnellata	0.98,0	1.70,0	0.70,0
(h) Siġġijiet, sfużi jew f'kollijiet, kull wieħed; *willows*, qasab u oġġetti f'kollijiet, kull koll; tankijiet vojta li jesgħu 40 gallun jew fuqhom, kull wieħed	0.05,0	0.08,0	0.03,0
(i) Btieti vojta ta' l-imbid u tal-birra, kull waħda	0.28,0	0.43,0	0.18,0
(j) Karozzi akkompanjati (ħlief karozzi misjuqa għal fuq vapur tal-karozzi jew minn fuqu), kull waħda	—	—	—
(k) Kull mekanzija oħra (li ma tkunx merkanzija sfuża), kull tunnellata	0.97,0	1.66,0	0.70,0
(l) Dqiq, qamħ u zokkor, fi xkejjer, kull tunnellata	0.86,0	1.59,0	0.63,0
(m) Merkanzija sfuża mhux maniġġata fis-Silo tal-Gvern:			
(i) Qamħ, kull tunnellata	0.78,0	1.50,0	0.45,0
(ii) Ħarrub, ħafur, żerriegħa tal-qoton u xgħir, kull tunnellata	1.19,0	2.25,0	0.54,0

* Meta jiġu wżati braken għal iżjed minn 3 ijiem għandu jitħallas dritt addizzjonali ta' 6c0 kull tunnellata ta' kapaċità *deadweight* ta' braken għal kull ġurnata jew parti minn ġurnata.

Kolonna 1	Kolonna 2	Kolonna 3	Kolonna 4
Oġġetti	Minn stiva għal stiva billi jgħaddu minn fuq il-moll mingħajr stivar fuq moll	Minn stiva għal stiva żbarkata u stivata fuq moll bħala parti mix-xogħol	Minn stiva għal stiva bi braken u mhux żbarkati*
	Lm	Lm	Lm
(iii) Qmuħ oħra, kull tunnellata	0.80,0	1.55,0	0.44,0
(iv) Deffun u tlaqqix ta' l-irħam, kull tunnellata	1.05,0	2.00,0	0.50,0
(v) Merkanzija oħra sfuża, kull tunnellata	0.82,0	1.61,0	0.45,0
(vi) Tqegħid fi xkejjer u rbit, kull tunnellata	—	0.12,0	—
(vii) Tmigħ bid-delu:—			
(a) Qmuħ (li ma jkunx qamħ), kull tunnellata	—	0.91,0	0.73,0
(b) Qamħ, kull tunnellata	—	0.69,0	0.51,0";

(b) minflok it-Tabella fit-Taqsima II ta' l-Iskeda, għandha tidħol din it-Tabella li ġejja:—

"TABELLA

Oġġetti	Merkanzija konsenjata mill-ġdid lill-esportatur		Merkanzija mqegħda fuq braken u żbarkata mill-ġdid mill-barkun u sussegwentement imbarkata	
	Wara li tkun stivata fil-kustodja tal-kuntrattur meta ma tiġix imqegħda fuq braken	Wara li tkun ġiet imqegħda fuq braken tiġi żbarkata mill-ġdid mill-barkun	Rata meta tkun permessa riduzzjoni ta' 22%	Ebda riduzzjoni
Kolonna 1	Kolonna 2 Lm c m	Kolonna 3 Lm c m	Kolonna 4 Lm c m	Kolonna 5 Lm c m
(a) Siment, soder, kubrit u faħam, fi xkejjer, kull tunnellata	0.13,0	1.41,0	1.79,0	2.17,0
(b) Basal, ħarrub, ħafur, smida, żerriegħa tal-qoton, ikel ippressat, xgħir, nuħħala, faħam tal-kokk u *malt*, fi xkejjer, u patata fi xkejjer, kaxex jew pakkjar simili, kull tunnellata	0.13,0	1.61,0	2.10,0	2.53,0
(ċ) Travi tal-ħadid, travi ta' l-injam, puntali, linji, vireg tal-metall, inklużi angli tal-ħadid u folji, ingotti, imbid fi btieti, katusi tal-fuħħar u *fittings*, kull tunnellata	0.13,0	1.33,0	1.71,0	2.08,0
(d) Merkanzija tal-firża, kull tunnellata	0.13,0	1.33,0	1.71,0	2.08,0
(e) Skart tal-metall (li ma jkunx aluminju) — sfuż, kull tunnellata	0.13,0	1.69,0	2.25,0	2.71,0
(f) Skart ta' l-aluminju — sfuż, kull tunnellata	0.13,0	2.69,0	3.72,0	4.45,0
(g) Petrol tal-muturi u ta' l-avjazzjoni f'laned jew f'tankijiet u esplożivi inklużi munizzjon u pirotekniċi, kull tunnellata	0.13,0	1.31,0	1.62,0	1.96,0
(h) Siġġijiet, sfużi jew f'kollijiet, kull wieħed; *willows*, qasab u oġġetti simili f'kollijiet, kull koll; tankijiet vojta li jesgħu 40 gallun jew fuqhom, kull wieħed	0.01,0	0.05,0	0.07,0	0.08,0
(i) Btieti vojta ta' l-imbid u tal-birra, kull waħda	0.01,0	0.30,0	0.41,0	0.49,0
(j) Karozzi akkompanjati (ħlief karozzi misjuqa għal fuq vapur tal-karrozzi jew minn fuqu), kull waħda	0.11,0	3,23,0	—	5.35,0

Oġġetti	Merkanzija konsenjata mill-ġdid lill-esportatur		Merkanzija mqegħda fuq braken u żbarkata mill-ġdid mill-barkun u sussegwentement imbarkata	
	Wara li tkun stivata fil-kustodja tal-kuntrattur meta ma tiġix imqegħda fuq braken	Wara li tkun ġiet imqegħda fuq braken tiġi żbarkata mill-ġdid mill-barkun	Rata meta tkun permessa riduzzjoni ta' 22%	Ebda riduzzjoni
Kolonna 1	Kolonna 2 Lm c m	Kolonna 3 Lm c m	Kolonna 4 Lm c m	Kolonna 5 Lm c m
(k) Kull merkanzija oħra (li ma tkunx merkanzija sfuża), kull tunnellata	0.23,0	1.31,0	1.61,0	1.95,0
(l) Dqiq, qamħ u zokkor, fi xkejjer, kull tunnellata	0.13,0	1.24,0	1.55,0	1.94,0
(m) Merkanzija sfuża mhux maniġġata fis-Silo tal-Gvern:				
(i) Qamħ, kull tunnellata	0.12,0	1.28,0	1.54,0	1.91,0
(ii) Ħarrub, ħafur, żerriegħa tal-qoton u xgħir, kull tunellata	0.12,0	1.91,0	2.44,0	2.92,0
(iii) Qmuħ oħra, kull tunnellata .	0.12,0	1.70,0	2.16,0	2.58,0
(iv) Deffun u tlaqqix ta' irħam kull tunnellata	0.12,0	1.70,0	2.16,0	2.58,0
(v) Merkanzija oħra sfuża, kull tunnellata	0.12,0	1.37,0	1.71,0	2.06,0";

(ċ) minflok it-Tabella li hemm fit-Taqsima III ta' l-Iskeda, għandha tidħol din it-Tabella li ġejja:—

"TABELLA

Kolonna 1	Kolonna 2
(i) Għall-għoti ta' oġġetti għall-użin fl-istess tinda jew lok ta' stivar	6c kull tunnellata
(ii) Tqegħid mill-ġdid fi xkejjer u rbit ta' oġġetti fi xkejjer provduti mis-sid ta' l-oġġetti	10c kull tunnellata
(iii) Tiswija/tiħjit ħafif ta' xkejjer jew balal	3c kull xkora jew balla

Kolonna 1	Kolonna 2
(iv) Tiswija ta' pakki li ma jkunux xkejjer jew balal ..	3c kull pakk
(v) Għall-għoti għall-eżami tad-Dwana:	
(a) Għal ħtiġiet tad-Dwana	Ebda ħlas
(b) Fuq talba tas-sid	6c kull tunellata

Jekk, f'kull każ, is-sid jitlob illi l-pakki jiġu miftuħa u jiġu magħluqa mill-ġdid, għal dak l-eżami għandu jitħallas dritt ta' 3c0 kull pakk.

(vi) (a) Għal markar ta' pakki bi *stencil, (stencils* għandhom jiġu provduti mill-persuna li titlob *stencilling*) — fuq naħa waħda biss sa tliet linji ta' *stencil* kull pakk .	3c kull pakk bi dritt massimu ta' 25c kull tunnellata
(b) Għal kull linja ta' *stencil* 'il fuq minn tliet linji	1c kull linja."; u

(d) minflok il-kliem "2s/- kull tunnellata u -/1d. kull pakk:"fil-paragrafu 3 tat-Taqsima IV ta' l-Iskeda, għandhom jidħlu l-kliem "10 ċenteżmi għal kull tunnellata u 1 ċenteżmu għal kull pakk:".

10. Is-Seba' Skeda li tinsab mar-regolament prinċipali għandha tiġi emendata kif ġej:— Jemenda s-Seba' Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

(a) minflok it-Tabella li hemm fil-paragrafu 1 tat-Taqsima I ta' l-Iskeda, għandha tidħol din it-Tabella li ġejja:

"TABELLA

Kolonna 1	Kolonna 2 Lm c m	Kolonna 3 Lm c m
Tagħbijiet f'unità waħda jew merkanzija miġbura f'unità waħda, kull tunnellata	1.62,0	1.47,0.";

(b) minflok it-Tabella li hemm fil-paragrafu 1 tat-Taqsima II ta' l-Iskeda, għandha tidħol din it-Tabella li ġejja:

"TABELLA

Kolonna 1	Kolonna 2 Lm c m	Kolonna 3 Lm c m	Kolonna 4 Lm c m
Tagħbijiet f'unità waħda jew merkanzija miġbura f'unità waħda, kull tunnellata	1.62,0	1.47,0	0.70,0.";

(ċ) minflok it-tieni proviso li hemm wara t-Tabella fil-paragrafu 1 tat-Taqsima III ta' l-Iskeda, għandu jidħol dan li ġej:—;

"Iżda wkoll, meta n-numru ta' vetturi bil-mutur, mhux ippakkjati u mobbiljari, li jinħattu minn, u/jew li jitgħabbew fuq,l-istess bastiment f'operazzjoni waħda jkun iżjed minn 500 unità, ir-rati speċifikati fil-partita (b) tat-Tabella ta' hawn fuq dwar kull unità ta' iżjed minn 500 għandhom jitnaqqsu b'50 fil-mija."; u

(d) minflok it-Taqsima V ta' l-Iskeda, għandu jidħol dan li ġej:

"TAQSIMA V

KIF JIĠU KALKOLATI R-RATI

1. Sabiex jiġu kalkolati r-rati fuq tagħbija f'unità waħda jew merkanzija miġbura f'unità waħda, it-tunnellaġġ għandu jiġi kalkolat fuq il-merkanzija attwali li tifforma t-tagħbija f'unità waħda u għandu jiġi kalkolat hekk kif speċifikat fis-Sitt Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti:

Iżda fil-każ ta' *trailers* u *containers*, id-drittijiet għandhom jiġu kalkolati skond dan it-tunnellaġġ fiss li ġej:

Containers	20 pied	23 tunnellata
Containers	40 pied	45 tunnellata
Trailers	20 pied	25 tunnellata
Trailers	40 pied	45 tunnellata
Trailers Super Cube	40/43 pied	58 tunnellata
Reefer Containers/karrelli ...	20 pied	18 tunnellata
Reefer Containers/karrelli ...	40 pied	26 tunnellata;

Iżda wkoll *Reefer Containers* għandhom jiftehmu li jirreferu biss għal *reefer containers* li jkun fihom laħam iffriżat jew ħut iffriżat jew *by-products* iffriżati ta' dawn l-oġġetti.

2. Meta sew il-piż u l-qies attwali relattivament għal kull polza ta' kargu ta' tagħbija f'unità waħda jew ta' merkanzija miġbura f'unità waħda ma jkunux reġistrati fil-manifesti jew fil-polza ta' kargu tal-bastiment,ir-rati għandhom jiġu kalkolati fuq il-piż u l-qies totali tal-merkanzija bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1 minnufih qabel dan.".